MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2009

Numru 944/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**
**vs**

**Arthur Mangion**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Arthur Mangion ta' 44 sena' bin Arthur u Margaret nee' Brincat imwieled Pieta' fit-2 ta' Marzu 1964 u joqghod 115 Flat 1 Triq Ghajn Dwieli Rahal Gdid detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 154764(M).

Billi gie akkuzat talli, fis 26 ta' Awissu 2008 ghal habta ta' xi 10.15am u hinijiet qabel waqt li kien fi Triq Bormla Rahal Gdid

1. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe’ ghamel hsara fuq vettura nru. AAE463 ta’ ghamla Peugeot ghad-dannu ta’ Yvonne Camilleri minn Rahal Gdid liema hsara ma tiskorrix is-somma ta’ elf, mija u erbgha u sittin Euros u disgha u sittin centezmu (1164.69 Euros) (LM500) u izjed minn mija u sittax Euros u sebgha u erbghin centezmu (116.47 Euros) (LM50).

2. Talli fl-istess data lok hin u cirkustanzi saq vettura bin-numru IAA283 tal-marka Lada b’manjiera traskurata.

3. Talli bl-istess vettura msemmija ingumbrajt jew ostakolajt il-passagg liberu ta’ Yvonne Camilleri minn Rahal Gdid u ghat-traffiku.

4. Akkuzat ukoll talli fl-istess cirkustanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta ta’ Yvonne Camilleri minn Rahal Gdid tapplika l-provvedimenti ta’ Art 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok SZ3 u nnutat li l-imputat Arthur Mangion m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat fil-presenza tal-avukat difensur tieghu iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-parte civile Yvonne Camilleri iddikjarat li s-sitwazzjoni mal-imputat ippacifikat ruhha.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 325(b) u 338(dd) tal-Kap. 9, ir-Regolament 77 tal-Avviz Legali 128/1994 u l-artikolu 15(1)(a)(3) u it-Tieni Skeda tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Arthur Mangion, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi il-fedina penali tal-imputat u dak dikjarat mill-parte civile Yvonne Camilleri fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, nkwantu ghall-ewwel (1.) akkuza tillibera lill-imputat Arthur Mangion taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum, nkwantu ghat-tieni (2.) akkuza u it-tielet (3.) akkuza tikkundanna lill-istess imputat Arthur Mangion ghall-piena komplessiva ta’ mija u sbatax Euro (Euro 117) multa u nkwantu ghar-raba’ (4.) akkuza tikkundanna lill-istess imputat Arthur Mangion ghall-piena ta’ canfira u twiddiba (R. & A.)

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputat Arthur Mangion b’obbligazzjoni personali ta’ mitejn u tnejn u tletin Euro u erba’ u disghin centezmi ta’ Euro (Euro 232.94) li jzomm il-kwiet ma’ Yvonne Camlleri u li jzomm il-bonordni pubbliku ma’ kulhadd ghal zmien sena millum.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tas-sub-artikolu 15(3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiskwalifika lill-imputat Arthur Mangion milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tmien (8) tijiem millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Arthur Mangion l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------